# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' April 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**vs**
**Victor Testa**

**Kumpilazzjoni Nru: 93/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Testa detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 95082(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu, 2011 u/jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzoni wahda, kixef sigrieti li kienu gew fdati lilu minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Gunju 2010 u Marzu 2011, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoi wahda, ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, specifikament lil Nicholas sive Nikki Dimech, fl-atti li bihom, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew

billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' erbgha u ghoxrin elf, mija u tnejn u erbghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€24,142.72) ghad-dannu ta' Polidano Brothers Limited.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qoti bhala Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18, 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 18, 42, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda fuq rapport tac-Chief Executive tal-Korporazzjoni Enemalta dwar appropjazzjoni indebita ta' cekkijiet mahruga mill-Water Services Corporation favur Polidano Brothers.

Illil-Ispettur Angelo Gafa, li kien l-ufficjal li investiga dan il-kaz, spjega li mill-investigazzjoni li saret irrizulta li f'Marzu 2011 certu Alex Grech kien mar ghand Charles Polidano b'zewg cekkijiet mahruga mill-Water Services Corporation, wiehed favur Polidano Brothers Lmited u l-iehor favur Polmesh Ltd, u Grech talab lil Polidano biex jiffirmahomlu halli jkun jista jsarrafhom. Grech qal lil Polidano li dawk ic-cekkijiet kien taghhomlu certu Nikki Dimech biex jaqta' xi dejn li kellu mieghu (cioe dejn li Dimech kellu ma' Grech). Charles Polidano rrifjuta li jsarraf ic-cekkijiet u zammhom hu. Aktar minn hekk Polidano ikkomunika mac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta biex jilmenta fuq dan il-fatt u li ma kienx qed jircievi l-hlas ghal xogholijiet li kien ghamel. Saru verifiki u rrizulta li kien hemm tlett cekkijiet mahruga mill-Water Services Corporation lil Polidano li kienu gew depozitati jew imsarrfa minn Nikki Dimech; fuq dawn ic-cekkijiet jidher li hemm il-firem ta' Charles Polidano u Paul Polidano, pero dawn allegaw li

dawk il-firem ma kienux taghhom u li huma qatt ma awtorizzaw lil Dimech biex jiddepozita dawk ic-cekkijiet f'kontijiet tieghu. Il-pulizija kellmet lill-persuni koncernati u deher li seta' kien l-imputat (li kien impjegat mal-Water Services Corporation) li ta c-cekkijiet ta' Poldiano lil Nikki Dimech. Ic-cekkijiet kollha in ezami kienu iffirmati mill-imputat li kien wiehed mill-firmatarji tal-Water Services Corporation.

Illi wara din l-investigazzjoni ttiehdu passi kontra Nikki Dimech u anke kontra l-imputat. Fil-fatt permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi abbedietat b'zewg reati: il-kxif ta' sigriet professjonali u komplicita ma' Nikki Dimech fi frodi a dannu ta' Polidano Brothers Limited.

Illi l-protagonisti ta' dan il-kaz kollha taw ix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti hlif ghal Nikki Dimech. Dimech gie ingunt biex jixhed diversi drabi pero, minhabba li l-proceduri kontra tieghu ghadhom pendenti, huwa pprevalixxa ruhhu mill-fakolta li ma jixhidx.

Illi z-zewg cekkijiet li gew f'idejn Alex Grech kienu s-segwenti: wiehed

- datat 22 ta' Dicembru 2010 u mahrug favur Polmesh Ltd ghall-ammont ta' €2,658.98[1]; u l-iehor
- datat 21 ta' Frar 2011 u mahrug favur Polidano Bros ghall-ammont ta' €33,348.82[2].

Illi l-fatti li jirrizultaw definittivament dwar it-tlett cekkijiet l-ohra huma s-segwenti:

- Ic-cekk numru 53513 datat 29 ta' Dicembru 2009 ghall-amont ta' €5.078.03 kien mahrug f'isem Polidano Bros; gie iffirmat mill-imputat u Paul Farrugia bhala firmatarji tal-Water Services Corporation. Fuq in-naha ta' wara hemm tlett firem: ta' Charles Polildano u Paul Polidano f'isem Polidano Brothers u ta' Nikki Dimech. Dan Ic-cheque gie depozitat f'kont ta' Nikki Dimech & Associates[3];
- Ic-cekk numru 54090 datat 16 ta' Gunju 2010 ghall-amont ta' €5,964.16 kien mahrug f'isem Polidano Bros; gie iffirmat mill-imputat u Paul Farrugia bhala firmatarji tal-Water Services Corporation. Fuq in-naha ta' wara hemm tlett firem: ta' Charles Polidano u Paul Polidano f'isem

[1] Esebit bhala Dok 17 a fol 68.
[2] Esebit bhala Dok 16 a fol 67.
[3] Kopja tac-cekk hija esebita bhala Dok 13 a fol 64.

Polidano Brothers u ta' Nikki Dimech. Dan Ic-cheque gie depozitat f'kont ta' Nikki Dimech & Associates[4].

- Ic-cekk numru 56283 datat 18 ta' Marzu 2011 ghall-amont ta' €13,100.53 kien mahrug f'isem Polidano Bros; gie iffirmat mill-imputat u Stephen Attard bhala firmatarji tal-Water Services Corporation. Fuq in-naha ta' wara hemm tlett firem: ta' Charles Polidano u xi hadd ghal Paul Polidano f'isem Polidano Brothers u ta' Nikki Dimech. Dan Ic-cheque gie depozitat f'kont ta' Pro Corporate Services Ltd[5].

Illi l-firmatarju tal-kontijiet f'isem *Nikki Dimech & Associates* u *Pro Corporate Services Limited* kien Nicholas Dimech[6].

Illi aktar minn hekk mir-rapport ta' PS1387 (illum Spettur) Ryan Caruana[7] jirrizulta li f'dawn it-tlett cekkijiet minn ghamel il-firem ta' l-ahwa Polidano uza l-istess inka li intuzat mill-persuna li ghamlet il-firem ta' Nikki Dimech. Din hija indikazzjoni li intuzat l-istess pinna biex saru t-tlett firem.

Illi in oltre mir-rapport ta' l-espert kaligrafu Joseph Mallia[8] jirrizulta li l-imputat iffirma fuq quddiem tac-cekkijiet u li ma kienux Polidano li ffirmaw fuq it-tlett cekkijiet depozitati minn Dimech.

Illi Charles Polidano quddiem din il-Qorti qal li l-kumpaniji tieghu kienu jaghmlu xoghol ta' trinek u tiswijiet ghall-Water Services Corporation u spjega li normalment l-imputat kien icempillu u jghidlu biex imorru ghac-cekkijiet u hu kien imur ghac-cekkijiet jew jibghat lil xi skrivan minn tieghu, pero qatt ma baghat nies li ma' kienux impjegati tieghu ghac-cekkijiet. Gara pero li darba mar ghandu certu Alex Grech b'zewg cekkijiet u qallu li kien tahomlu Nikki Dimech. Skond Polidano, Grech qallu li Dimech kellu jaghtih xi flus, u uza c-cekkijiet ta' Polidano biex jaqta' dak id-dejn peress li Polidano kellu jghatu flus lil Dimech li thallsu permezz ta' dawk iz-zewg cekkijiet. Meta gara hekk Polidano mar ghand il-Water Services Corporation biex jara x' kien qed jigri u kif kien il-kont tieghu ghaliex hu kellu arrangament biex xi ammonti dovuta lilu jintuzaw biex ipacu ammonti li

[4] Kopja tac-cekk hija esebita bhala Dok 14 a fol 66.
[5] Kopja esebita bhala Dok 15 a fol 66.
[6] L-informazzjoni dwar ic-cekkijiet inghatat minn Audrey Ghigo in rapprezentanza ta'l-HSBC Bank plc kemm f'ittri li baghatet lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni u esebieti in atti, kif ukoll fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti. Din ix-xhud esebiet ukoll kopja taz-zewg cekkijiet mahruga mill-Water Services Corporation favur Polidano Broothers Ltd u Polimesh Limited li kienu gew f'idejn Alex Grech.
[7] Rapport esebit bhala Dok RC1 afol 138 et seq
[8] Rapport esebit bhala Dok JM1 a fol 175.

kienu dovuta minghandu lil xi entitajiet ohra. Meta mar hemm u saru l-verifiki urewh t-tlett cekkijiet fuq elenkati pero il-firem fuqhom ma kienux tieghu u ta' huh. Polidano jghid ukoll li lill-imputat hu kien rah diversi drabi. Semma' b'mod partikolari incident li sehh wara li kien mar ghandu Alex Grech. Polidano jirrakkonta li kienu marru ghandu l-imputat u Nikki Dimech u qalulu li Victor Testa jew xi hadd iehor ta c-cekkijiet lil Niki Dimech biex jaghtihom lilu pero Dimech ddepozitahom f'kont tieghu minflok ma tahom lilu (cioe lil Polidano). Polidano qal ukoll li ghalkemm kien iltaqa' ma'l-imputat kemm il-darba meta rah il-Qorti m'gharfux ghax qaxxar xaharu. F'l-1 ta' Lulju 2013, ghalhekk fil-mori ta' dawn il-proceduri, Charles Polidano kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u talab li l-akkuzi kontra l-imputat odjern jigu irtirati ghaliex fil-fehma tieghu l-imputat ma kellux involviment[9].

Illi meta kien qed jaghti l-verzjoni tieghu lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni Polidano allega li f'l-inkontru li kien sar ghandu l-imputat kien qal li lil Nikki Dimch hu ghaddilu z-zewg cekkijiet li eventwalment inghataw lil Alex Grech. Minn dak li qal Polidano lil Pulizija ma jidhirx li saret referenza ghat-tlett cekkijiet li gew depozitati minn Dimech.

Illi xehed Alex Grech[10]. Huwa jirrakkonta li darba sab lil Nikki Dimech fir-restaurant tieghu (cioe ta' Grech) u tah zewg cekkijiet biex johodhom ghand Polidano biex jew jifirmaghhomlu jew jaghtih l-ekwivalenti f'materjal. L-ghada Grech mar ghand Polidano li pero zamm ic-cekkijiet. Grech ikompli jispjega li xi tlett xhur wara laqqa' lil Polidano u lil Dimech biex jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom. Dak in-nhar ta' l-inkontru bejn Polidano u Dimech kien hemm ukoll ragel iehor kunjomu Testa[11] li qatt ma kien ra qabel. Grech zied jghid li hu ma kellux x'jaqsam ma dawk ic-cekkijiet hlif li hadhom ghand Polidano bi pjacir lil Dimech.

Illi meta Grech kien qed jgahti l-verzjoni tieghu lill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni huwa nnega li talab lil Polidano biex jiffirmalu c-cekkijiet imma insista li kien mar ghax qabbdu Nikki Dimech biex jghaddihom lil Polidano. Grech lil pulizija qallhom li huwa lil Polidano talbu biss, f'isem Dimech, biex jaghti materjal b'xejn ghal xi blokka ta' appartament li kien qed jizviluppa. Grech qallhom ukoll li hu ma kienx jaf kif waslu ghand Dimech dawk iz-zewg cekkijet.

---

[9] Ir-reati odjerni huma prosegwibbli ex officio ghalhekk din l-ittra fti li xejn seta' jkollha effett.
[10] Depozizzjoni a fol 245 et seq.
[11] Dak in-nhar li xehed Grech l-imputat ma kienx prezenti ghas-seduta ghalhekk Grech ma setghax jidentifikah.

Illi xhud iehor tal-prosekuzzjoni kien Paul Polidano[12]. Dan ma kienx jaf wisq fuq il-kaz ghaliex huwa ma kienx involut f'l-amministrazzjoni imma aktar f'l-operations tan-negozju. Huwa pero ikkonferma li l-firem fuq t-tlett cekkijiet fuq elenkati ma kienux tieghu.

Illi ghandu jigi rilevat li waqt id-depozizzjoni tieghu l-Ispettur Gafa jallega li kien hemm kuntatt telefoniku frekwenti bejn l-imputat u Nikki Dimech. In sostenn ta' dan huwa esebixxa ittra u informazzjoni lilu mibghuta mis-socjeta Go Plc pero din l-informazzjoni qatt ma giet konfermata b'gurament quddiem din il-Qorti. Aktar minn hekk f'din id-dokumentazzjoni hemm indikat liema hu n-numru tal-mobile phone registrat f'isem l-imputat u hemm lista ta' telefonati u sms's skambjati ma' numru iehor specifiku pero m'hemmx indikat f'isem min hu registrat dan in-numru l-iehor.

Illi xehedu ukoll Mark Muscat fil-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Water Services Corporation[13], Stephen Attard fil-kariga ta' Chief Financial Officer tal-Water Services Corporation[14], u Louis Giordmaina li kien jokkupa l-kariga ta' Chairman ta'l-istess Korporazzjoni[15]. Dan it-tlett xhieda bejniethom ikkonfermaw li c-cekkijiet in ezami kienu mahruga mill-Water Services Corporation, li kien mar Charles Polidano biz-zewg cekkijiet (li kien ghaddielu Alex Grech), li ghamlu ezercizzju biex jaraw x'cekkijiet kienu inhargu lil Polidano u kif waslu ghal dawk it-tlett cekkijiet li kien ddepozita Nikki Dimech. Huma spjegaw ukoll li Victor Testa kien wiehed mill-firmatarji tal-Water Services Corporation, li c-cekkijiet kienu jridu jkunu ffirmati minn zewg firmatarji, u li meta l-ammont pagabbli jeccedi certi limitu t-tieni firmatarju bil-fors kellu jkun c-CEO jew c-CFO. Hadd minnhom ma ta informazzjoni dwar kienx hemm policy jew x'kien fil-fatt isir biex ic-cekkijiet jintbaghtu lid-destinatarju wara li jigu iffirmati miz-zewg firmatarji.

Illi l-imputat xehed[16]. Huwa spjega ir-rwol tieghu ta' accountant mal-Water Services Corporation x'kien jinvolvi u spjega ukoll x'kien il-process la darba bill of quantities tigi approvata u kif kienu jinhargu c-cekkijiet. Hu jghid li c-cekkijiet maghluqin f'envelope kienu jittiehdu fir-reception u jekk

---

[12] Depozizzjoni a fol 216 et seq.
[13] Depozizzjoni a fol 69 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 115 et seq
[15] Depozizzjoni a fol 242 et seq.
[16] Depozizzjoni a fol 282 et seq.

ma jingabrux mill-kuntrattur wara ftit granet jintbaghtu bil-posta. L-imputat jghid ukoll li l-kuntratturi kienu jcemplu regolarment biex jigru wara l-pagamenti dovuta, kemm lilu kiif ukoll lill-ufficjali l-ohra tal-Water Services. Dwar ic-cekkijiet in ezami l-imputat jghid li jiftakar li fil-perjodu in ezami Polidano kien icempel biex jivverifika dwar pagamenti pero ma jiftakarx jekk qatt cempel fuq dawk ic-cekkijiet. Jikkonferma li hu kien jaf kemm lil Charles Polidano kif ukoll lil Nikki Dimech[17] pero lil Nikki Dimech qatt ma tah cekkijiet ta' Polidano jew tah informazzjoni dwar pagamenti dovuta lil Polidano. L-imputat jikkonferma ukoll li kienet saret dik il-laqgha ghand Polidano li ghaliha kein hemm prezenti Nikki Dimech; jinsisti li f'din il-laqa' hu innega li ta c-cekkijiet lil Dimech.

Ikkunsidrat

Illi jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbazi l-kaz taghha kontra l-imputat fuq l-allegazzjoni li hu ghadda cekkijiet ta' Polidano Brothers lil Nikki Dimech; dan fil-fatt huwa l-unika involviment dirett li l-prosekuzzjoni jidher li qed timputa lil Testa[18].

Illi pero minn ezami tal-provi processwali ma jirrizultax 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien propju l-imputat li ghadda dawn ic-cekkijiet lil Nikki Dimech. Fil-fatt l-unika xhud li qal xi haga fir-rigward kien Charles Polidano, pero dan ix-xhud ma tantx kien kredibbli f'xi aspetti tal-verzjoni tieghu, specjalment dwar l-involviment ta'l-imputat. Mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Gafa jirrizulta li Polidano allega li l-imputat ammetta li kien ghadda z-zewg cekkijiet li eventwalment spiccaw ghand Grech[19]. Meta Polidano kien qed jixhed quddiem il-Qorti l-ewwel qal li l-imputat ammetta li huwa kien ghadda t-tlett cekkijiet li gew depozitati minn Dimech; ftit tal-hin wara mbaghad jghid li kien l-imputat jew xi hadd iehor li ghadda t-tlett cekkijiet lil Dimech.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar komplicita fi truffa. Ic-citazzjoni qed taghmel referenza partikolari ghal truffa f'l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf mija tnejn u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€24,142.72), cioe il-valur komplessiv tat-tlett cekkijiet bin-numru 53815, 54090 u 56283 li gew depozitati f'kontijiet ta' Nikki Dimech.

[17] U anke ta informazzjoni dwar kif sar jafhom.

[18] Il-Qorti tghid "jidher" ghaliex ma sarux sottomissjonijiet da parti tal-prosekuzzjoni li sempliciment rrimettiet ruhha ghall-atti.

[19] Depozizzjoni ta'l-ispettur Gafa a fol 3.

Illi fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda ta' Charles Polidano mhux sufficjenti biex jigi affermat li kien propju l-imputat li ghadda lil Nikki Dimech it-tlett cekkijiet li gew depozitati. Wisq anqas hija prova sufficjenti ta' xi hsieb komuni (common design) bejn l-imputat u Nikki Dimech jew ta'l-elementi necessarji biex jissussisti r-reat ta' truffa jew almenu frodi innominata.

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe il-kxif ta' sigriet professjonali. Kif diga ntqal jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-imputazzjoni fuq l-allegazzjoni li kien l-imputat li ghadda c-cekkijiet ta' Polidano lil Nikki Dimech[20]; aktar minn hekk m'hemm l-ebda prova li l-imputat ta xi informazzjoni kwalunkwe lil Dimech. Kif diga ntqal ukoll il-Qorti mhiex sodisfatta li ngiebet prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien propju l-imputat li ghadda c-cekkijiet lil Dimech. Tenut kont ta' dan ikun ezercizzju inutli li l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra jekk dan il-fatt (kieku kien pruvat) jikkostitwixxi ksur ta' sigriet professjonali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[20] Dan fil-fatt huwa l-unika involviment ta'l-imputat li li qed tallega l-prosekuzzjoni.